



Brussell, 16 ta' Mejju 2023
(OR. en)

9260/23

CULT 62
RELEX 580
JAI 601
COEST 308
ASIM 58
AUDIO 46
CIVCOM 123
COCON 32
COHAFA 50
COPS 238
IXIM 122
NDICI 12
PROCIV 28
VISA 99

EŻITU TAL-PROĊEDIMENTI

minn: Segretarjat Ĝeneralni tal-Kunsill

lil: Delegazzjonijiet

Suġġett: Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar artisti friskju u spostati

Id-delegazzjonijiet isibu fl-anness il-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar artisti friskju u spostati, kif approvati mill-Kunsill (Edukazzjoni, Żgħażagħ, Kultura u Sport) fil-laqgħa tiegħi tas-16 ta' Mejju 2023.

KONKLUŻJONIJIET TAL-KUNSILL DWAR ARTISTI F'RISKJU U SPOSTATI

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA

FILWAQT LI JIRRIKONOXXI

1. l-importanza tad-drittijiet kreattivi u kulturali, kif minquxa fl-strumenti globali¹ u reġjonali² relatati mad-drittijiet tal-bniedem, għaż-żamma tad-dinjità tal-bniedem, id-diversità kulturali, il-pluraliżmu, id-demokrazija u l-valur intrinsiku tal-kultura,
2. il-ħidma ta' organizzazzjonijiet internazzjonali fuq il-libertà tal-espressjoni artistika, bħall-UNESCO – li l-Konvenzjoni tagħha tal-2005 tirrikonoxxi l-ħtieġa li jittieħdu miżuri biex titħares id-diversità tal-espressjonijiet kulturali, speċjalment f'sitwazzjonijiet fejn l-espressjonijiet kulturali jistgħu jiġu mhedda mill-possibbiltà ta' estinzjoni jew dannu serju³ – u l-Kunsill tal-Ewropa⁴, b'mod partikolari fir-rigward tal-Manifesto on the Freedom of Expression of the Arts and Culture in the Digital Era tiegħu,

¹ Fost oħrajn, l-Artikolu 27 tad-Dikjarazzjoni Universali tad-Drittijiet tal-Bniedem, li fl-2023 tiċċelebra l-75 anniversarju tagħha, jew l-Artikolu 15 tal-Patt Internazzjonali dwar id-Drittijiet Ekonomiċi, Soċċali u Kulturali.

² Fost oħrajn, il-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea.

³ Il-Konvenzjoni tal-UNESCO tal-2005 dwar il-Protezzjoni u l-Promozzjoni tad-Diversità tal-Espressjonijiet Kulturali.

⁴ Filwaqt li bbaża l-ħidma tiegħu fuq il-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem (KEDB), il-Kunsill tal-Ewropa ppubblika, pereżempju, rapport dwar il-Libertà Artistika u nieda l-Manifesto on the Freedom of Expression of the Arts and Culture in the Digital Era li jiddikjara, fost affarrijiet oħra, li r-restrizzjonijiet fuq il-libertà tal-espressjoni u l-libertà artistika jaffettaww lis-soċjetà kollha kemm hi, billi jċaħħduha mill-pluraliżmu tagħha u mill-vitalità tal-proċess demokratiku.

3. il-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew tal-15 ta' Diċembru 2022 u tad-9 ta' Frar 2023, li jtenu l-kundanna qawwija tiegħu tal-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna, jaffermaw mill-ġdid l-appoġġ sħiħ tal-Unjoni għall-indipendenza, is-sovranità u l-integrità territorjali tal-Ukrajna fī ħdan il-fruntieri rikonoxxuti internazzjonalment tagħha⁵, u jtenu l-impenn tiegħu li jsaħħħa l-appoġġ għall-persuni spostati⁶,
4. ir-riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew dwar is-solidarjetà kulturali mal-Ukrajna, li tesprimi solidarjetà sinċiera mal-artisti⁷, peress li l-arti u l-kultura ser ikollhom rwol fundamentali fil-fejqan u l-bini mill-ġdid tal-Ukrajna, u b'mod partikolari jfaħħar l-azzjoni tal-artisti u tal-kreaturi Ukreni li aġixxew b'reżistenza għall-invażjoni Russa billi pprattikaw l-arti tagħhom⁸,
5. il-Pjan ta' Ħidma tal-UE għall-Kultura 2023-2026⁹, li fih diversi azzjonijiet¹⁰ relatati mas-suġġett tal-artisti f'riskju¹¹ u spostati.

⁵ EUCO 34/22.

⁶ EUCO 1/23.

⁷ Ara l-Anness II għad-definizzjoni ta' "artisti".

⁸ Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-20 ta' Ottubru 2022 dwar solidarjetà kulturali mal-Ukrajna u mekkaniżmu konġunt ta' rispons f'każ ta' emerġenza għall-irkupru kulturali fl-Ewropa (2022/2759(RSP)).

⁹ Riżoluzzjoni tal-Kunsill dwar il-Pjan ta' Ħidma għall-Kultura 2023-2026 - ĠU C 466, 7.12.2022.

¹⁰ Jiġifieri, dwar il-libertà artistika, dwar il-preservazzjoni tal-patrimonju kulturali u t-tishħiħ tas-setturi kulturali u kreattivi lokali fl-Ukrajna u dwar ir-rwol tal-kultura u tal-professjonisti tal-kultura fil-promozzjoni u d-difiża tad-demokrazija u tad-drittijiet tal-bniedem f'kuntesti fraġli.

¹¹ Ara l-Anness II għad-definizzjoni ta' "artisti f'riskju".

FILWAQT LI JIKKUNSIDRA LI

6. flivell mondjali, l-artisti għandhom rwol importanti fil-ħajja, l-iżvilupp u r-reżiljenza tas-soċjetà u tal-individwi, u li għandhom ikunu jistgħu jagħmlu dan filwaqt li jippreservaw il-kreattività u l-libertà tal-espressjoni tagħhom,
7. l-artisti għandhom għalhekk jiġu offruti protezzjoni, f'konformità mar-regolamenti eżistenti, kontra theddid u ksur ta' kwalunkwe tip u forma li jqegħduhom fil-periklu minħabba x-xogħol artistiku tagħhom,
8. il-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna hija wkoll attakk fuq l-identità kulturali tal-Ukrajna, u li d-dimensjoni kulturali għandha rwol importanti x'taqdi fil-forom differenti ta' appoġġ għall-Ukrajna.

FILWAQT LI JISSOTTOLINJA

9. il-kuraġġ u d-determinazzjoni tal-artisti kollha, b'mod partikolari l-artisti nisa, li jsemmgħu leħinhom permezz tal-qawwa tal-kultura biex jippromwovu soċjetajiet ġusti u paċċifici, il-libertà u d-demokrazija, u biex jopponu l-gwerra, il-persekuzzjoni u l-intolleranza,
10. ir-rwol sinifikanti li l-artisti eżiljati kellhom storikament u għandhom illum il-ġurnata fil-promozzjoni tal-paċċi, il-fehim reċiproku, il-libertà, id-demokrazija u d-diversità kulturali, u l-importanza li l-artisti friskju u spostati jingħataw l-opportunità li jkomplu x-xogħol artistiku tagħhom u li jkomplu jagħtu xhieda tal-ġrajjiet kurrenti,
11. li l-artisti ma jistgħux ikomplu x-xogħol artistiku tagħhom b'mod sikur fpajjiżi madwar id-dinja kollha fejn il-valuri demokratiċi huma oppressi jew ipprojbiti, inkluż artisti Russi u Belarussi li jikkritikaw ir-reġim u għalhekk huma partikolarmen esposti għal theddid u persekuzzjoni,
12. li l-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna kkawżat spostament fuq skala kbira ta' ċittadini Ukre ni u kriżi umanitarja fuq skala li ilha ma tidher fl-Ewropa mit-Tieni Gwerra Dinjija, b'impatti enormi, inkluż fuq l-artisti u l-libertà tal-espressjoni tagħhom, u rriaffermat il-ħtieġa li l-Ewropa tkun ippreparata biex toffri appoġġ lill-artisti friskju u spostati kemm fuq perjodu ta' żmien qasir kif ukoll fit-tul, permezz tal-oqfsa istituzzjonali u legali xierqa.

JILQA'

13. il-miżuri li ttieħdu mill-UE u mill-Istati Membri tagħha biex jipprovdu rifuġju sikur¹² għall-artisti, inkluż studenti tal-arti u ġurnalisti indipendent¹³, li qed jaħarbu mill-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna, u l-inizjattivi li ttieħdu fil-programm Ewropa Kreattiva¹⁴ biex jingħata appoġġ lil artisti Ukreni milquta mill-gwerra, kif ukoll fil-programm Erasmus+ biex jingħata appoġġ lil studenti tal-arti Ukreni.

JISTIEDEN LILL-ISTATI MEMBRI, FIL-LIVELLI XIERQA, U PERMEZZ TAL-OQFSA ISTITUZZJONALI U LEGALI ADATTI, BIEX:

14. jikkunsidraw jieħdu aktar miżuri biex isaħħu l-kapaċità li joffru rifuġji sikuri u l-hekk imsejħha "bliet ta' rifuġju"¹⁵ għal artisti friskju u spostati minn partijiet differenti tad-dinja, u jikkontribwixxu għan-networking ta' dawn l-artisti,
15. jikkunsidraw jadattaw, fejn xieraq, residenzi artistiċi regolari f'residenzi ta' emerġenza, filwaqt li jqisu l-ħtieġi tal-artisti friskju u spostati, inkluż dawk li jaħarbu mill-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna,
16. jikkunsidraw japplikaw approċċ fit-tul u olistiku meta jilqgħu artisti friskju u spostati u l-familji tagħhom, li fih il-ħtieġa urġenti għal rifuġju sikur tīgħi kkomplementata b'possibbiltajiet biex l-artisti jsiru parti mill-komunità u l-ħajja kulturali lokali u biex jibqgħu attivi u jinstemgħu fuq livell artistiku, u jinkoraġġixxu t-tagħlim tal-lingwa tal-pajjiż li jospitahom.

¹² Ara l-Anness II għad-definizzjoni ta' "rifuġju sikur".

¹³ Ara pereżempju l-konklużjonijiet tal-Kunsill (2022/C 245/04) dwar il-ħarsien u s-sikurezza tal-ġurnalisti u professjonisti oħra jekk tal-media, li pereżempju jistiednu lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni jappoġġaw ġurnalisti u professjonisti tal-media indipendent eżiljati, partikolarmen minn pajjiżi bħall-Ukrajna, il-Belarussja u l-Federazzjoni Russa.

¹⁴ Kummissjoni Ewropea, Support for Ukrainian artists, cultural and creative professionals and organisations.

¹⁵ Ara l-Anness II għad-definizzjoni ta' "bliet ta' rifuġju".

JISTIEDEN LILL-ISTATI MEMBRI, LILL-KUMMISSJONI EWROPEA U
LIR-RAPPREŻENTANT GĦOLI TAL-UNJONI GĦALL-AFFARIJET BARRANIN U
L-POLITIKA TA' SIGURTÀ¹⁶, FL-OQSMA TA' KOMPETENZA RISPETTIVI TAGĦHOM U
FIL-LIVELLI XIERQA, BIEX:

17. iżommu d-djalogu mas-sħab Ukreni dwar modi kif ikomplu jiġu appoġġati s-setturi kulturali u kreattivi Ukreni u jinkoraġġixxu l-promozzjoni tal-kultura Ukrena fl-UE bil-parteċipazzjoni tal-artisti Ukreni, inkluż artisti friskju u spostati, u organizzazzjonijiet kulturali, filwaqt li jirrispettaw bis-sħiħ l-awtonomija u d-diversità tas-settur kulturali,
18. jieħdu miżuri, bis-saħħha tal-mezzi rilevanti kollha, biex jiddefendu u jħarsu l-libertà artistika u d-drittijiet tal-artisti fuq skala globali, inkluż id-dritt li l-artisti joħolqu mingħajr ċensura jew intimidazzjoni,
19. ikomplu jappoġġaw l-artisti friskju u spostati fl-UE minħabba l-effetti ta' reġimi oppressivi jew ta' gwerer, b'mod partikolari l-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna, jew minħabba l-oppożizzjoni tagħhom għal dawn ir-reġimi jew il-gwerer,
20. jikkonsultaw ma' atturi attivi fil-provvista ta' rifuġji sikuri għal artisti friskju u spostati qabel ir-rapporti perjodiċi għall-Konvenzjoni tal-UNESCO tal-2005¹⁷ u, fejn rilevanti, jinkludu l-kwistjoni ta' rifuġji sikuri għall-artisti friskju u spostati f'dawk ir-rapporti.

¹⁶ Filwaqt li jirrispettaw il-prinċipju tas-sussidjarjetà kif stipulat fl-Artikolu 5 TUE.

¹⁷ Konvenzjoni tal-UNESCO tal-2005 dwar il-Protezzjoni u l-Promozzjoni tad-Diversità tal-Espressjonijiet Kulturali, l-Artikolu 9.

JISTIEDEN LILL-KUMMISSJONI EWROPEA U LIR-RAPPREŻENTANT GĦOLI
TAL-UNJONI GĦALL-AFFARIJET BARRANIN U L-POLITIKA TA' SIGURTÀ BIEX:

21. jipprovdu ġarsa ġenerali komprensiva li tagħti informazzjoni aġġornata dwar l-assistenza bilaterali tal-UE u tal-Istati Membri lill-Ukrajna fil-qasam tas-setturi kulturali u kreattivi, inkluż lil artisti Ukreni friskju u spostati,
22. jikkontribwixxu għan-networking u l-iskambju ta' informazzjoni, l-aħjar prattiki u esperjenzi bejn l-Istati Membri u atturi mhux statali li jagħtu appoġġ lil artisti friskju u spostati,
23. jappoġġaw il-kooperazzjoni tal-politika tranżnazzjonali transsettorjali dwar il-libertà artistika, inkluż l-azzjonijiet favur l-artisti friskju u spostati, filwaqt li jieħdu inkunsiderazzjoni l-esperjenzi mis-sejħha għal appoġġ fil-qafas ta' Ewropa Kreattiva għall-persuni Ukreni spostati u s-setturi kulturali u kreattivi Ukreni.

Referenzi

- Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea. (2000/C 364/01)
- Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċċali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni Dwar il-pjan ta' azzjoni Ewropew għad-Demokrazija. (COM/2020/790 final)
- Konvenzjoni għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali. Serjet-Trattati tal-Kunsill tal-Ewropa 005, Kunsill tal-Ewropa, 1950
- Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-ħarsien u s-sikurezza tal-ġurnalisti u professjonisti oħrajn tal-media – ĠU C 245, 28.6.2022, p. 5
- Riżoluzzjoni tal-Kunsill dwar il-Pjan ta' Ħidma tal-UE għall-Kultura 2023-2026 – ĠU C 466, 7.12.2022, p. 1
- Dikjarazzjoni tal-Konferenza tal-Ministri tal-Kultura tal-Kunsill tal-Ewropa "Creating our future: creativity and cultural heritage as strategic resources for a diverse and democratic Europe", 1-1 ta' April 2022
- Dikjarazzjoni tal-ministri Ewropej responsabbi għall-Kultura, l-Awdjoviżiv u l-Media, li Itaqgħu f'Angers, editjata fl-2022
- Kummissjoni Ewropea, EU supports Ukraine through culture, editjata fl-2022

- [Konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew tal-15 ta' Diċembru 2022, EUCO 34/22](#)
- [Konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew tad-9 ta' Frar 2023, EUCO 1/23](#)
- [Konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew tat-23 ta' Marzu 2023, EUCO 4/23](#)
- Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-20 ta' Ottubru 2022 dwar solidarjetà kulturali mal-Ukrajna u mekkaniżmu konġunt ta' rispons f'każ ta' emerġenza għall-irkupru kulturali fl-Ewropa. (2022/2759(RSP))
- Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-14 ta' Diċembru 2022 dwar l-implementazzjoni tal-Āgħida Ewropea Ġdida għall-Kultura u l-Istratèġija tal-UE għar-Relazzjonijiet Kulturali Internazzjonali. (2022/2047(INI))
- Network Internazzjonali tal-Bliet ta' Rifuġju, ICORN, *What is ICORN*, editjat fl-2023. Link: [https://icorn.org/what-icorn \(data tal-konsultazzjoni 20 ta' Marzu 2023\)](https://icorn.org/what-icorn (data tal-konsultazzjoni 20 ta' Marzu 2023))
- OECD, Responsi Politiċi dwar l-Impatti tal-Gwerra fl-Ukrajna, editjati fl-2022
- Regolament (UE) 2021/818 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Mejju 2021 li jiistabbilixxi l-Programm Ewropa Kreattiva (2021 - 2027) u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 1295/2013 – ĠU L 189, 28.5.2021, p. 34
- Steering Committee for Culture, Heritage and Landscape (CDCPP), Jaroslav Andel, Giuliana De Francesco, Kata Krasznahorkai, Mary Ann DeVlieg, Sara Whyatt, supported by Levan Kharatishvili, *Manifesto on the Freedom of Expression of Arts and Culture in the Digital Era*, editjat fl-2020

- Steering Committee for Culture, Heritage and Landscape (CDCPP), *Free to Create: Artistic Freedom in Europe – Council of Europe Report on The Freedom of Artistic Expression*, editjat fl-2023
- UNESCO, Il-Konvenzjoni tal-2005 dwar il-Protezzjoni u l-Promozzjoni tad-Diversità tal-Espressjonijiet Kulturali, editjata fl-2015
- UNHCR, Is-Sitwazzjoni tar-Refuġjati tal-Ukrajna, data aġġornata f'Diċembru 2022
- Assemblea Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti, Patt Internazzjonali dwar id-Drittijiet Ekonomiċi, Soċjali u Kulturali, A/RES/2200, 1966
- Assemblea Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti, Id-Dikjarazzjoni Universali tad-Drittijiet tal-Bniedem (UDHR). Riżoluzzjoni 217 A(III) tal-Assemblea Ġenerali, 1948

Definizzjonijiet

Għall-finijiet ta' dawn il-konklużjonijiet tal-Kunsill, japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

Artist: id-definizzjoni ta' "artist" għandha tintiehem b'mod wiesa', u tinkludi l-professjonisti kollha fis-setturi kulturali u kreattivi kif definiti fl-Artikolu 2 tar-Regolament (UE) 2021/818 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Mejju 2021 li jistabbilixxi l-Programm Ewropa Kreattiva (2021 - 2027) u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 1295/2013.

Rifugju sikur: "rifuġju sikur" hu ddefinit bħala opportunità li tingħata lill-artisti friskju fil-pajjiżi ta' oriġini tagħhom biex isibu protezzjoni u jibqgħu artistikament attivi, jekk jixtiequ dan, għal perjudu ta' żmien limitat f'post ieħor.

Artisti friskju: artisti li huma mhedda minn konflitt armat, persekuzzjoni jew oppressjoni.

Residenza ta' emerġenza: post għar-rilokazzjoni temporanja ta' artist friskju, li tipprovd iakkomodazzjoni u opportunitajiet biex l-artist ikompli xogħlu f'post sikur. Residenza ta' emerġenza tista' tkun magħmulha minn programmi ta' residenza artistika li digħà jkunu jeżistu jew billi jinħolqu residenzi artistiċi ġodda għall-iskop speċifiku li jiġu appoġġati artisti spostati li jkunu qed jaħarbu minn konflitt armat.

Bliet ta' Rifugju: skont in-Network Internazzjonali tal-Bliet ta' Rifugju (ICORN), "bliet ta' rifuġju" huma bliet jew reġjuni li joffru kenn lil kittieba u artisti friskju, li jmexxu 'l quddiem il-libertà tal-espressjoni, jiddefendu l-valuri demokratiċi u jippromwovu s-solidarjetà internazzjonali. Il-Bliet Membri tal-ICORN joffru kenn fit-tul, iżda temporanju, lil dawk li jitqiegħdu friskju bħala konsegwenza diretta tal-attivitajiet kreattivi tagħhom¹⁸.

¹⁸ Network Internazzjonali tal-Bliet ta' Rifugju.